*Wasal fl-aħħar il-Jum sbejjaħ*
*Jum ta' ferħ u allegrija*
*Raġġi nfethu mill-Istilla*
*Fuq il-Banda Sant'Andrija.*

# Il-*Victory Parade* f'Londra, 1946 Ħalluqi fil-Kontinġent Malti

**Richard J. Caruana**

Kif spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija t-truppi Allejati u anke dawk tal-għadu bdew jirritornaw lura f'pajjiżhom biex jerġgħu għall-ħajja normali tagħhom. Ma kienux żminijiet faċli, minkejja l-uforja tar-rebħa, ħafna mill-pajjiżi involuti kienu ftaqru, mhux l-inqas l-Ingilterra u l-kolonji tagħha. L-infieq fl-armamenti ħalla djun kbar li riedu jitħallsu mill-ġenerazzjonijiet ta' wara. Iżda sadanittant ir-rebħa kellha tiġi ċċelebrata kif suppost, u fl-aħħar xhur tal-1945 bdew preparamenti biex issir *Victory Parade* (Parata tal-Rebħa) f'Londra.



Is-Sur Andrew (Indrì) Penza, għalliem, li kien imexxi l-fergħa tal- *Malta Volunteer Defence Corps* f'Ħal Luqa matul it-Tieni Gwerra Dinjija u li kien intgħazel biex jingħaqad mal-kontinġent Malti li mar Londra għall-*Victory Parade* tal-1946.

Din il-parata ġiet iffissata għat-8 ta' Ġunju 1946 u kellha titlaq minn *Marble Arch* fl-10.30 u tispiċċa *Whitehall* għall-ħabta ta' nofsinhar fejn jingħata salut bil-kanuni u jindaqq l-Innu *God Save the King*. Minbarra truppi u pajżana Ingliżi telgħu l-Ingilterra kontinġenti minn kull parti tal-Imperu, u ma setgħax jonqos li jkun hemm ukoll min jirraprezzenta lil pajjiżna *(Ara Annex 1)*.

## Rappreżentant minn Ħal Luqa

Mal-Maltin li ntagħżlu, kien hemm is-Sur Andrew (aħjar magħruf bħala Indrì) Penza. Kien hu li sa mill-bidu tal-gwerra kien imexxi l-fergħa ta' Ħal Luqa tal-Malta *Volunteer Defence Corps*, li kien parti mill-*Queen's Own Royal West Kent Regiment*, ir-reġiment l-aktar qrib tar-raħal tagħna. Penza kien għalliem u kien imexxi dal-korp magħmul l-aktar minn kaċċaturi u eks-suldati armati bl-ixkubetti tagħhom. Fil-ktieb 'Raħal fi Gwerra' ta' Dun Ġużepp Micallef, Penza jirrakkonta:

"Bagħtu għalija biex immur l-Għassa tal-Pulizija fejn sibt jistennieni lill-Kaptan H. Parnis England. Ħajjarni niġbor il-kaċċaturi tar-raħal fil-Malta *Volunteer Defence Corps*. Il-kelma ma damitx ma ġriet u ħafna resqu u taw isimhom. Malli wieħed kien jinkiteb kienu jagħtuh ħames skrataċ u elmu tal-azzar. B'kollox konna fuq il-mija r-raħal. It-taħriġ kien f'idejn il-fizzjal *Matthewman* tal-*West Kent*."




Il-pubblikazzjoni uffiċjali bil-programm tal-Parata, mitbugħ mill-HMSO fl-1946 u li kien jinbiegħ 2d (żewġ soldi).


BERTHING CARD

Deck ............ E.6

Section ............ 156

Mess Table No. ............

Mattress Hammock ............

5443/1k/GHQP/500,000/2-45

Il-karta ta' imbark tas-Sur Penza għal fuq il-vapur Orbita li fuqu mar il-kontinġent Malti sa l-Ingilterra.


G VICTORY CAMP PASS

Signature ...Andrew Penza...

Unit ...Malta Contingent...

Issued by ............ MAJOR
CAMP COMMANDANT

This Pass must be produced when entering or leaving Camp

'G' LINES

Pass biex is-Sur Penza seta' jidħol u joħroġ mill-Kamp 'G' fejn kien qed joqgħod matul il-mawra f'Londra.

# V-CROWDS STORM LONDON BY AIR, RAIL AND ROAD



Massed pipe bands passing the saluting base in The Mall during a Victory Parade rehearsal yesterday. This was one of the many picturesque ceremonies which took place in London yesterday ready for to-morrow.

Silta minn gazzetta Ingliża li tinstgħab fid-djarju tas-Sur Penza. Din kienet ta' ħarġa ġurnata qabel il-Parata u turi ritratt tal-provi kienu qed isiru u rapport tal-folol li kienu qed jiġu mistennija l-għada.

Forsi l-kaċċaturi ħajru għax min kien jidħol fil-korp ma kienx iħallas il-liċenzja tal-kaċċa!

Is-Sur Penza jidher li ħass importanza speċjali li kien magħżul biex jieħu sehem f'din il-parata f'Londra għax żamm djarju ddettaljat li fih niżżel kull ma ġara mill-mument li ħareġ mid-dar sa ma reġa' lura. B'xorti tajba dan id-djarju nstab wara daż-żmien kollu u ħa nislet minnu xi biċċiet rilevanti għal din l-istorja.

## Tibda l-Avventura

Il-kontinġent Malti nġabar fil-Forti Sant'Iermu, l-Belt Valletta, filgħaxija tal-11 ta' Mejju 1946 fejn ingħataw ċena. L-għada filgħodu kellhom quddiesa fis-6.30, u wara kolazzjon. Minn hemm telqu għal Kastilja u mxew flimkien sal-Palazz fejn fl-10.45 saret spezzjoni mill-E.T. il-Gvernatur ta' Malta, Sir Edmond Schreiber, li għamel ukoll diskors. Fl-10.30 bdiet parata minn Pjazza San Ġorg lejn il-Moll ta' Lascaris, bi Strada Rjali u Triq San Kristofru mimlijin b'eluf ta' Maltin li ġew biex isellmu lill-Maltin li kienu fi trieqthom lejn l-Ingilterra.

L-*Ocean Liner S.S.* 'Orbita' kellu jitlaq mill-Port il-Kbir fil-11.00 iżda żviluppa xi ħsara u telaq fit-3.30 ta' wara nofsinhar. B'kollox, fuq dal-vapur kien hemm 2,500 passiġġier, il-biċċa l-kbira minnhom militari. Minn hawn, is-Sur Penza jiddeskrivi l-vjaġġ bil-baħar u l-pajjiżi li għaddew minn ħdejhom, daqqa fuq baħar sabiħ u xi kultant imqalleb, li sa għamillu d-deni. Fis-16 ta' Mejju telqu minn Ġibiltà lejn Liverpool u tliet ijiem wara waslu fix-Xmara Mersey fejn il-vapur ankra fit-3.15 ta' filgħodu.

Fil-21 ta' Mejju telqu minn Riverside Station fl-10.15 bil-wasla f'Londra tkun ftit qabel l-erbgħa ta' wara nofsinhar fejn ittieħdu fuq trakkijiet lejn Kensington fejn ġew allokati l-Kamp 'G' f'Victoria. Fil-granet ta' wara, il-Maltin kellhom ħin liberu biżżejjed biex igawdu l-postijiet storiċi u kulturali ta' dik il-belt meraviljuża f'temp sabiħ, fosthom *Madame Tussaud*, l-*Imperial War Museum* u n-*National Gallery*, din tal-aħħar dak iż-żmien kienet tikkonsisti fi 18-il sala miżgħuda b'opri tal-aqwa pitturi internazzjonali. Esperjenza ġdida għal ħafna minnhom kienet l-*Underground*, il-ferrovija ta' taħt l-art ta' Londra, kif ukoll it-turġien tal-elettriku *(escalators)*.

It-Tlieta, 28 ta' Mejju, sebaħ temp bix-xita u wara nofsinhar kien hemm l-ewwel minn sensiela ta' attivitajiet uffiċjali fil-bini tal-*Overseas League* fejn iltaqgħu mal-Koppja Rjali. Ir-Reġina Eliżabetta (Bowes-Lyon, omm ir-Reġina attwali) li kienet liebsa libsa bajda tkellmet ma' kull wieħed minnhom, waqt li r-Re liebes uniformi t'uffiċjal navali sellem u tbissem biss, ħlief għal xi rimarka żgħira 'l hawn u 'l hemm. Ta' min ifakkar li r-Re Ġorg VI kien ilaqlaq u kien jistħi ħafna jitkellem fil-pubbliku.

L-għada, 29 ta' Mejju, sebaħ tipiku ċpar ta' Londra u b'xita sas-sagħtejn ta' wara nofsinhar. Il-Maltin ittieħdu jżuru r-rotta li kellha tieħu l-parata imma filgħaxija kienu liberi jmorru fejn iridu interessanti dak li jikteb hawn is-Sur Penza, fejn jgħid li mar għand barbier għal qata' xahar li swietlu 1s/6d (xelin u nofs, 18-il ċenteżmu tallum). Filgħaxija, grupp ta' Maltin marru t-teatru *Odean*, f'*Marble Arch*, jaraw il-film *Caeser and Cleoptatra* ta' Bernard Shaw, film bil-kulur, lussu għal dak iż-żmien. Lussu wkoll kien it-teatru b'tapiti ħoxnin u pultruni komdi. Kienet għadha drawwa li qabel il-film tindaqq mużika fuq l-orgni, xi ħaġa li nqagħtet ftit taż-żmien wara. Kulħadd kien lura l-Kamp 'G' fil-11.30 ta' billejl. Kien neċessarju jintwera' pass speċjali kemm biex wieħed jidħol u anke joħroġ minn dak il-kamp.

Il-Ħamis 30 ta' Mejju, fuq inizjattiva tas-Sinjorina Mabel Strikland, il-Maltin ittieħdu jżuru *Parliament Houses*, fosthom *Westminster Hall* fejn ir-renjanti Ingliżi jiġu nkurunati, *St Stephen's Crypt* bi storja ta' 'l fuq minn 900 sena, il-*House of Lords*, is-*Central Court*, ir-*Royal Gallery*, il-librerija tal-*Lords* u l-*Commons* u t-terrazza fuq ix-Xmara Thames. Marru wkoll jaraw il-bini mill-ġdid

# Thousands Will Have To Sleep Out

*Special "Daily Sketch" Weather Forecast for V-Day: The chances of a dry day in London have increased during the last 24 hours. The odds against rain are now 10 to one. While it is not possible to forecast a clear sky, flying conditions will be good, with temperature varying from 65 to 68 degrees.*

***'Daily Sketch' Reporter***

**LONDON'S V-Day invasion is on. From all over the country hundreds of thousands of people are flocking to the capital.**

Advance parties which have been arriving all through the week will be joined to-day by the main body of sightseers.

They will be coming by all methods of transport—air, rail and road.

**Nearly 100 special relief trains will arrive at the main railway stations to-day.**

### *These Are Lucky*

Euston and St. Pancras will have 65, another 20 will steam into Paddington from Western England and Wales, and the Southern Railway has special trains running too.

At country bus stations hundreds of Green Line coaches are standing by.

From airports specially chartered planes will be bringing their quota of visitors to swell London's millions.

The lucky visitors are those who have reserved accommodation in advance. For weeks past hotels and boarding houses have been flooded with appeals for rooms which they have been unable to satisfy.

**In some cases, visitors are offering up to £10 for makeshift accommodation.**

Many thousands of people are hoping for fine weather to-night so that they may sleep out in comfort.

Wisest visitors will be those who

*Turn to Back Page, Col. 3*

Silta oħra minn gazzetta Ingliża fejn minn ġurnata qabel il-Parata kien diġà jidher li kien se jkun hemm folol kbar, li l-anqas postijiet biżżejjed f'lukandi ma kien se jkun hemm u ħafna kellhom iqattgħu il-lejl jorqdu barra.

**SOUTHEND-ON-SEA PIER**

**VICTORY MARCH PARTY**

**LONDON / SOUTHEND**

**P.S. "ROYAL EAGLE"**

**WED., 12th JU[illegible]**

**1946.**

*N.B.—It is advisable to leave shore end of Pier by 5 p.m. to ensure connecting with Steamer at 5.35 p.m.*

Biljett tas-Sur Penza, invit għal festa f'*Southend-On-Sea*, waħda mill-ħafna li saru f'dak iż-żmien matul ir-Renju Unit kollu.



Is-*Saluting Base* fejn il-Koppja Rjali, il-familja tagħhom u personalitajiet għolja militari u politiċi ħadu s-salut minn serbut twil ta' eluf ta' suldati u ċivili li kienu protagonisti tar-rebħa tal-Allejati fuq l-għadu.

tal-*House of Commons*. Din kellha titwaqqa' kompletament minħabba ħsarat kbar li sofriet matul il-gwerra. Il-gwida għal din iż-żjara kien Sir John Jeffries.

Fil-ġurnata tal-Ġimgħa 30 ta' Mejju il-kamp ġie spezzjonat ftit qabel nofsinhar minn Mr George Hall, Segretarju tal-Istat għall-Kolonji, li, waqt diskors li għamel, irringrazzja lil dawk kollha għall-kontribut li taw matul il-gwerra u kemm kien iħossu kburi li qiegħed jiltaqa' magħhom. Ħeġġiġom biex igawdu dawn l-avvenimenti storiċi u xtaqilhom kull risq u suċċess għall-futur. Dakinhar ukoll ħarġet l-aħbar li l-kontinġent kellu jirritorna lura Malta fuq il-vapur S.S. Canton li kellu jitlaq minn *Tilbury Docks* fit-28 ta' Ġunju 1946, imma kif jidher aktar 'l quddiem ġara mod ieħor.

### Jibdew il-Provi

Ix-xita baqgħet tippersisti fil-ġranet ta' wara, u l-Ħadd 2 ta' Ġunju bdiet b'quddiesa f'*Westminister Cathedral* fid-9.30. Kienet esperjenza sabiħa għax inzerta li numru ta' tfal dakinhar kienu qed jagħmlu l-Ewwel Tqarbina. L-għada t-Tnejn bdew il-provi tal-Parata b'marċ fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar. It-Tlieta 4 ta' Ġunju kienet ġurnata libera u s-Sur Penza ittieħed mis-Sur Mangion iżur *Greenford Secondary School* f'Middlesex fejn iltaqa' mal-*Head Teacher*. Ta' għalliem li kien, is-Sur Penza ħa noti ddettaljati ta' dak kollu li ra f'dik l-iskola, speċjalment kif kienet mgħammra b'apparat bil-bosta aħjar minn tal-iskejjel Maltin ta' żmienu. Innota wkoll il-faċilitajiet li kellhom l-għalliema, kemm għal waqt ix-xogħol u wkoll f'ħin il-mistrieħ u l-librerija b'eluf ta' kotba fejn l-istudenti kienu mħeġġa jirriċerkaw il-bżonnijiet tal-istudji tagħhom u mhux joqogħdu biss fuq dak li jieħdu mingħand l-għalliema.

Beda joqrob aktar il-jum tal-parata u żdiedu wkoll allura l-attivitajiet uffiċjali. Il-Ħamis 6 ta' Ġunju il-Kamp 'G' kellu żjara mill-Familja Rjali u l-attendenti tagħhom. Reġgħet kienet ir-Reġina li kellmet lis-Sur Penza meta staqsietu kemm kien hemm *Home Guards* Maltin fil-kontinġent u meta weġibha irrispondiet: *"Nice!"* Qabel ma telqu, ir-Reġina daret fuq kulħadd u sellmet billi qaltilhom: *"How wonderful it is to see you here"*.

L-għada l-Ġimgħa 7 ta' Ġunju, wara prova oħra tar-rotta li kellhom jagħmlu waqt il-parata, żar il-Kamp Sir Winston Churchill, forsi l-aktar personaġġ magħruf għal ħidmietu matul il-gwerra, speċjalment għall-moral għoli li dejjem ittrażmetta lill-popli Allejati u d-determinazzjoni qawwija li wasslet għar-rebħa finali.

### Il-Parata tar-Rebħa

Wasal fl-aħħar il-jum li tant kien mistenni u li għalih eluf kbar ta' militari u ċivili minn kull rokna tad-dinja ġew Londra biex jieħdu sehem fih. Filgħodu tas-Sibt, 6 ta' Ġunju l-parteċipanti kollha kellhom ikunu f'posthom fid-9.15 f'*Hyde Park Corner* minn fejn telqu jimmarċjaw sakemm iltaqgħu mal-kontinġenti l-oħra u għaddew minn *Oxford Street*, *Charring Cross Road*, *Trafalgar Square*, *Northumberland Avenue*, *Embankment*, u *Parliament Square* fejn waqfu għal madwar nofs siegħa.

Il-marċ reġa' beda għal *Whitehall*, fejn kulħadd għamel *eyes right* (ħars lejn il-lemin) lejn is-*Cenotaph* (il-mafkar uffiċjali tal-gwerra tar-Renju Unit - 1920) u wara *eyes left* lejn is-*Saluting Base* fil-Mall meta waslu fil-preżenza tar-Re Ġorg VI. Ħdejh kien hemm ir-Reġina Eliżabetta u omma r-Reġina Mary of Teck. Il-mara tar-Re Ġorg kienet, bħal dejjem, b'dik it-tbissima fuq wiċċha tammira dak is-serbut ta' suldati u ċivili li kienu qed jimmarċjaw. Is-Sur Penza għaraf xi personaġġi oħra li kienu fuq il-palk, fosthom fuq in-naħa tax-xellug tar-Re kien hemm Field Marshal Montgomery, Field Marshal Alexander u l-Ammiral Cunningham; fuq il-lemin kien hemm Sir Winston Churchill, il-ġenerali Smuts u Atlee, numru ta' ġeneral oħra flimkien ma Membri Parlamentari Ingliżi. Minn hemm għaddew minn *Constitution Hill* biex reġgħu waslu minn fejn telqu.

Ma setax jonqos l-emozzjoni ta' kull min ħa sehem f'dik il-parata bl-eluf kbar ta' nies (il-gazzetti fil-fatt isemmu 'miljuni') li ħonqu ż-żewġ naħat tar-rotta, u speċjalment l-akklamazzjonijiet li qalgħu il-Maltin hekk kif kienu għaddejjin, bħal *'Here Malta', 'Come on Malta', 'Well Done Malta', 'Very Well Malta', 'Hello Malta', 'This is Malta', 'Here is Brave Malta'.*

Il-gazzetti Ingliżi ta' dakinhar kienu ġa' ħabbru l-folla mmensa li nġemgħet Londra biex jaraw il-parata. Eluf minnhom kellhom jorqdu barra l-lejl ta' qabel u kien hemm min mar sab post vantaġġjuż 24 siegħa qabel u ma ċċaqlaqx minnu. Għalkemm kien hemm ftit irxiex, is-Sur Penza jgħid li ħass sħana kbira matul il-marċ speċjalment waqt l-ewwel nofs tat-triq. Wieħed mill-Maltin wara qallu li ħa tliet siegħat biex wasal il-kamp minħabba l-folol. Dik il-ġurnata memorabbli spiċċat meta l-Maltin marru *Waterloo Bridge* biex jaraw wirja tan-nar fuq ix-Xmara Thames, spettaklu li beda fl-10.30 hekk kif wasal ir-Re fuq ir-*Royal Barge*, u li baqa' sejjer sa nofs il-lejl.

Fil-ġranet ta' wara s-Sur Penza, bħal numru ta' Maltin sħabu, ma qadux magħluqin fil-kamp ħlief meta kienu *Fire Picket Duty*. Żaru Brighton, Blackpool, Manchester u fit-12 ta' Ġunju marru għall-*Victory March Party* f'Southend-on-Sea fuq il-Paddle Steamer 'Royal Eagle'.

## Ir-Ritorn

Wara ġranet ta' turiżmu madwar l-Ingilterra u anke fil-qalba ta' Londra, kien wasal iż-żmien biex il-kontinġent Malti jirritorna lura. Il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju kulħadd qam fl-4.30 ta' filgħodu, telqu minn Kamp 'G' fuq trakk militari għal *St Pancras Station* fl-10.30 biex jaqbdu ferrovia għal *Tilbury Docks* fejn waslu fis-1.30 ta' wara nofsinhar. Imbarkaw fuq *R.M.S. (Royal Mail Ship) 'Carthage'* siegħa u nofs wara u sabu li l-Maltin ġew assenjati l- 'B' *Deck* fejn is-Sur Penza ingħata l-branda Nru 37.

Il-vapur salpa l-għada, ftit qabel nofsinhar u kien il-Ġimgħa ta' wara, 5 ta' Lulju, li minn fuqu ntlemaħ Għawdex fuq ix-xefaq fid-disa' ta' filgħodu, bid-daħla fil-Port il-Kbir tkun fis-1.30 ta' wara nofsinhar. Dak iż-żmien il-vapuri ma kellhomx faċilitajiet biex jorbtu mal-mollijiet u għalhekk dawk abbord tniżżlu fuq barkun li ħadhom lejn id-Dwana, minn fejn kulħadd mar dritt id-dar. Probabbilment għajjenin iżda bla dubju kburin bl-esperjenza li għaddew minnha matul dawk l-erba' ġimgħat.

## Annex 1

Il-kontinġent Malti kien iffurmat minn rappreżentanti f'dawn l-oqsma li mxew f'din il-formazzjoni:

*Royal Navy*
*Royal Malta Artillery*
*Royal Engineers*
*Corps of Signals*
*King's Own Malta Regiment*
*Army Service Corps*
*Army Medical Corps*
*Army Ordnance Corps*
*Electrical and Mechanical Engineers*
*Army Pay Corps*
*Malta Pioneer Group*
*Royal Air Force*
*Malta Police*
*Civilian Services*

## Ħajr:

Lil Charles Spiteri li sab u għaddieli dan id-djarju.

Ġorġ Bondin li għeni fir-riċerka.

## Riferenzi:

Dun Ġuzepp Micallef: Raħal fi Gwerra, 1978
Official Programme: Victory Celebrations, HMSO, 1946